Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Frar 2020
(OR. en)

6151/20

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0093(NLE)**

RECH 42
ATO 10
ASIE 12

**NOTA PUNT "A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 5654/1/20 REV 1 |
| Nru dok. Cion: | 7571/2016 + ADD 1 |
| Suġġett: | ANNESS għad-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp u fir-riċerka fil-qasam tal-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari<br>- Adozzjoni |

1. Fl-4 ta' April 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp u fir-riċerka fil-qasam tal-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari.

2. Dan il-ftehim ġie nnegozjat abbażi ta' direttivi ta' negozjati approvati mill-Kunsill fit-3 ta' Lulju 2009.

3. Wara l-laqgħat tiegħu tat-18 ta' April u tas-6 ta' Ġunju 2016, tat-28 ta' Marzu, tal-11 ta' April u tas-6 u s-16 ta' Mejju 2019 u tas-27 ta' Jannar 2020, il-Grupp ta' Ħidma Konġunt dwar ir-Riċerka/Kwistjonijiet Atomiċi laħaq qbil dwar l-approvazzjoni ta' dan il-Ftehim.

4. Fid-19 ta' Frar 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil milħuq mill-Grupp ta' Ħidma u ddeċieda li jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A", l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni ta' dan il-Ftehim kif tinsab fid-dokument 5648/20 RECH 16 ATO 3 ASIE 6, kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti.

5. Il-Kunsill huwa għalhekk mistieden jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, l-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni ta' dan il-Ftehim, bl-astensjoni tad-delegazzjoni Awstrijaka u dik Lussemburgiża.